**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 31 ta' Ottubru, 2018**

**Mandat Nru: 1666/2018/1 AF**

**BtoBet Limited (C-69661)**

**vs**

**Viking PC Health Ltd (C-54356)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' BtoBet Limited li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra, ntalbet din il-Qorti zzomm lil Viking PC Health Limited milli b'xi mod tassenja lil terzi il-*Main Gate sponsorship* relattiv ghall-attività "Sigma18".

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta tas-socjetà intimata Viking PC Health Limited fejn, ghar-ragunijiet moghtija, Viking PC Health Limited sostniet li t-talba ghandha tigi michuda.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment kif gej:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

Il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fil-kuntest hija ben stabbilita fis-sens illi:

> *"Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li rrikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (prima facie) dawk iljeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha prima facie l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[1]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix."* – (Mallia et vs Grima et – 23 ta' Lulju 2018)

Huwa enfasizzat inoltre illi kull ezami li taghmel din il-Qorti fil-kuntest ta' mandat ta' inibizzjoni jasal sal-livell ta' dak li jidher mad-daqqa t'ghajn. L-ezami profond jibqa' essenzjalment rizervat ghal dik il-Qorti li tigi adita bil-kawza fil-mertu.

Fil-kaz in ezami, jirrizulta mad-daqqa t'ghajn illi bi ftehim bejn il-partijiet rigwardanti "Main Gate Sponsorship" ghall-attività "Sigma17", ir-rikorrenti nghataw "right of first refusal" ghal

[1] App Civ. **14.7.1988** fil-kawza fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfré*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

Main Gate Sponsorship fl-attività tal-2018. Il-ftehim li stabilixxa dan il-jedd ma pprovda ghal ebda dettal jew kundizzjoni kif kellu jigi ezercitat. Jirrizulta illi meta baqghu ma semghu xejn minghand BtoBet Limited, is-socjetà intimata baghtet *e-mail* lir-rikorrenti fejn infurmatha li jekk ma jkollhiex twegiba sal-ahhar ta' dik il-gimgha, ser tqis li BtoBet Limited mhijiex interessata tizufruwixxi mir-"right of first refusal". BtoBet Limited wiegbet tard ghal din l-*e-mail* u fil-frattemp l-initmata kienet lahqet ikkontrattat ma' haddiehor. Kopja tal-kuntratt relattiv giet esibita fl-atti ta' dan il-mandat.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti tqis li dak li r-rikorrenti trid izzomm lill-intimata milli taghmel fil-fatt digà sar. Ghalkemm l-attività innifisha ghadha ma saritx, il-ftehim ma' terz ilu li sar mit-13 ta' Marzu 2018. Kif ritenut minn dawn il-Qrati:

> *"la darba jigi ppruvat li dik il-haga li qed tigi ttentata li tigi inibita milli ssir, fil-fatt tkun digà saret din il-procedura ma tkunx tista' tirnexxi ghax l-iskop taghha jkun gie verifikat."* – (Pearsall et vs Zarb Adami et – 23 ta' Lulju 2001).

Il-Qorti tirreferi wkoll ghad-decizjonijiet Barbara vs Barbara (13 ta' Mejju 2014) u Health Services Group Limited vs Director General of Contracts (14 ta' April 2008).

Fid-dawl tal-fuq citat insenjament, din il-Qorti tqis li t-talba ta' BtoBet Limited ma tistax tintlaqa'.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tal-15 ta' Ottubru 2018 u tichad it-talba ta' BtoBet Limited.

L-ispejjez jithallsu minn BtoBet Limited.

IMHALLEF